

Brussell, 1 ta' Ottubru 2015
(OR. en)

12243/15

Fajls Interistituzzjonali:
2013/0028 (COD)
2013/0029 (COD)

TRANS 296
CODEC 1215

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	11998/15 TRANS 287 CODEC 1185 5960/13 TRANS 35 CODEC 209 5985/13 TRANS 36 CODEC 216
Suġġett:	Ir-Raba' Pakkett Ferrovjarju: Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/34/UE li tistabbilixxi żona ferrovjarja Unika Ewropea, fir-rigward tal-ftuħ tas-suq tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri - Approċċ Ġenerali

I. Introduzzjoni

Fit-30 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni ppreżentat ir-raba' Pakkett Ferrovjarju, li huwa magħmul minn sitt proposti leġiżlattivi maħsuba biex ineħħu l-ostakoli li fadal sabiex tiġi kkompletata ż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea, biex b'hekk isir kontribut għal żieda fis-sehem modali tal-ferrovija fit-trasport intra-UE.

B'mod aktar speċifiku, l-oġġettiv ewlieni ta' dan il-pakkett leġislattiv huwa li tittejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi ferrovjarji billi jitneħħew l-ostakoli legali, istituzzjonali u tekniċi li għad hemm, filwaqt li titrawwem il-prestazzjoni tas-settur ferrovjarju u l-kompetittività tiegħu.

Dan il-pakkett leġislattiv jista' jinqasam f'żewġ pilastri: il-pilastru "tekniku" u l-pilastru "tas-suq".

Intlaħaq qbil dwar il-pilastru tekniku mal-Parlament Ewropew f'Ġunju 2015. Taħt il-pilastru tas-suq, qed jiġu diskussi żewġ proposti tal-Kummissjoni fil-Kunsill: il-Proposta għad-Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/34/UE li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea, fir-rigward tal-ftuħ tas-suq tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja (id-"Direttiva għall-Governanza") u l-proposta għar-Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri (ir-"Regolament tal-OSP").

II. Ħidma fi ħdan il-korpi tal-Kunsill

L-eżami tat-tliet proposti tal-Kummissjoni tal-pilastru tas-suq fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art beda f'Lulju 2014. Taħt il-Presidenza Taljana, sar dibattitu ta' orjentazzjoni u ġe adottat rapport ta' progress. Taħt il-Presidenza Latvjana, sar dibattitu ta' orjentazzjoni ieħor u ġe adottat it-tieni rapport ta' progress.

F'Lulju 2015, il-Presidenza Lussemburġiża ppreżentat il-proposti ta' kompromess tagħha dwar id-Direttiva għall-Governanza u dwar ir-Regolament tal-OSP lill-Grupp ta' Ħidma. Dawn ġew eżaminati waqt il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma fid-9, is-16 u t-23 ta' Lulju, kif ukoll fit-8, l-10, is-16, is-17 u t-22 ta' Settembru.

Fit-30 ta' Settembru, il-proposti ta' kompromess rivedut tal-Presidenza ġew eżaminati mill-COREPER. Matul dik il-laqgħa, ġew solvuti l-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet pendenti. Madankollu, żewġ mistoqsijiet għadhom pendenti. Il-Presidenza ħadet nota tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u qed tipproponi testi riveduti li għandhom jiġu eżaminati mill-Ministri.

It-tibdil fl-Annessi għal dan ir-rapport kif imqabbel mar-rapport lill-COREPER huwa indikat b'**tipa grassa sottolinjata** u [...].

Id-delegazzjonijiet kollha għandhom riżerva ta' skrutinju dwar dak it-tibdil. Ir-Renju Unit iżomm riżerva ta' skrutinju parlamentari wkoll.

III. Kwistjonijiet pendenti

Il-Presidenza ħadet nota tal-kummenti li saru fuq iż-żewġ testi minn diversi Stati Membri fil-COREPER dwar il-perijodi ta' tranżizzjoni. Il-Presidenza hija tal-fehma li l-kompromess tagħha dwar din il-kwistjoni huwa bilanċjat, billi xi Stati Membri jixtiequ li jkollhom perijodi itwal ta' tranżizzjoni, filwaqt li oħrajn jixtiequ jqassruhom. Fi kwalunkwe każ, x'aktarx li din il-kwistjoni ser tiġi diskussa waqt in-negozjati mal-Parlament Ewropew.

Wara d-diskussjonijiet li saru fil-laqgħa tal-COREPER, il-Presidenza hija tal-fehma li ż-żewġ punti elenkati hawn taħt jeħtieġu jiġu deċiżi mill-Ministri sabiex jintlaħaq approċċ ġenerali dwar dawn iż-żewġ fajls.

Direttiva għall-Governanza

Koerenza bejn id-Direttiva għall-Governanza u r-Regolament tal-OSP - Artikolu 10(2)

Fil-COREPER, delegazzjoni waħda introduċiet proposta ta' test bil-għan li tiżgura ċertezza legali fir-rigward ta' dispożizzjonijiet konfliġġenti possibbli fid-Direttiva għall-Governanza u r-Regolament tal-OSP f'dak li għandu x'jaqsam mal-prinċipju ta' libertà ta' aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja. Dik il-proposta ta' test kienet appoġġata minn diversi delegazzjonijiet oħra. Delegazzjonijiet oħra, madankollu, esprimew tħassib serju għax beżgħu li proposta bħal din tista' twassal għal kondizzjonijiet mhux ekwivalenti, u b'hekk iddgħajjef il-bilanċ bejn ir-Regolament tal-OSP u d-Direttiva għall-Governanza.

Wara dawk id-diskussjonijiet, il-Presidenza ppreżentat xi proposti ta' kompromess sabiex ittaffġ t-tħassib ta' dawk id-delegazzjonijiet li intervjenew fil-COREPER. Saret bidla waħda lill-Artikolu 10(2) tad-Direttiva għall-Governanza, u ġew inklużi aktar kjarifiki fi premessa korrispondenti. Dak it-tibdil huwa rifless fit-test f'Anness I.

Deroga temporanja f'ċirkostanzi eċċezzjonali - Artikolu 5(3a)

Fil-COREPER, delegazzjoni waħda ssuġġeriet li jsir xi tibdil fit-test tal-Presidenza dwar l-Artikolu 5(3a). Dik id-dispożizzjoni tintroduċi deroga temporanja limitata għal seba' snin li għandha l-għan li tindirizza l-każ ta' Stati Membri li normalment jagħtu kuntratti permezz ta' offerti kompetittivi, iżda li jridu jkollhom il-possibbiltà li direttament jagħtu kuntratti ġodda ta' servizzi pubbliċi meta jkunu japplikaw ċirkostanzi eċċezzjonali. Dawk iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali huma elenkati f'dik id-dispożizzjoni.

Xi tibdil propost minn dik id-delegazzjoni ġie inkluż fit-test tal-proposta tal-Presidenza f'Anness II, li wkoll kienet ippreżentata fil-Coreper.

IV. Konklużjoni

Il-Kunsill huwa mistieden jeżamina t-testi kif jinsabu fl-Annessi għal dan ir-rapport, biex jirriżolvi l-kwistjonijiet pendenti li fadal, u biex jadotta approċċ ġenerali dwar iż-żewġ testi fis-sessjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015.

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/34/UE li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea, fir-rigward tal-ftuħ tas-suq tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja

Artikolu 1

Id-Direttiva 2012/34/UE hija emendata kif ġej:

-1. L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) L-ewwel sentenza tal-paragrafu 3 hija sostitwita b'dan li ġej:

'(3) L-Istati Membri jistgħu jeskludu dawn li ġejjin mill-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 7a, 7b, 7c, 7d, 8 u 13 u l-Kapitolu IV:';

(aa) Jiżdied il-paragrafu ġdid 3a:

"3a. L-Istati Membri jistgħu jeskludu dawn li ġejjin mill-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 7a, 7b, 7c, 7d u 8:

Linji lokali b'livell baxx ta' traffiku ta' tul ta' mhux aktar minn 100 km, li jintużaw għat-traffiku tal-merkanzija bejn linja prinċipali u l-punti tat-tluq u d-destinazzjoni ta' kunsinni tul dawn il-linji, sakemm dawn il-linji jkunu ġestiti minn entitajiet għajr il-manijer tal-infrastruttura prinċipali u jew a) jintużaw minn operatur ta' merkanzija wieħed jew b) il-funzjonijiet essenzjali jitwettqu minn korp li mhuwiex ikkontrollat minn kwalunkwe impriża ferrovjarja [...]. F'każ li jkun hemm operatur tal-merkanzija wieħed biss, l-Istati Membri jistgħu wkoll jeżentaw il-linja mill-applikazzjoni tal-Kapitolu IV sa dak iż-żmien li tintalab il-kapaċità minn applikant ieħor. Din id-dispożizzjoni tista' ugwalmart tiġi applikata fejn il-linja tintuża wkoll, b'mod limitat, għal servizzi tal-passiġġieri. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jeskludu tali linji mill-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 7a, 7b, 7c, 7d u 8."

(ab) Jizzied il-paragrafu ġdid 3b:

"3b. L-Istati Membri jistgħu jeskludu dawn li ġejjin mill-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 7a, 7b, 7c u 7d:

Netwerks reġjonali b'livell baxx ta' traffiku ġestiti minn entità oħra għajr il-manijer tal-infrastruttura prinċipali u li jintużaw għall-operazzjoni ta' servizzi reġjonali tal-passiġġieri, ipprovduti minn impriża ferrovjarja waħda għajr l-impriża ferrovjarja stabbilita tal-Istat Membru, sa dak iż-żmien li tintalab il-kapaċità għal servizzi tal-passiġġieri fuq dak in-network, u sakemm l-impriża tkun indipendenti minn kwalunkwe impriża ferrovjarja li topera servizzi tal-merkanzija. Din id-dispożizzjoni tista' ugwalmart tiġi applikata fejn il-linja tintuża wkoll, b'mod limitat, għal servizzi tal-merkanzija. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jeskludu tali linji mill-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 7a, 7b, 7c, u 7d. "

(b) Il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'(4) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jeskludu l-infrastrutturi ferrovjarji lokali u reġjonali li ma għandhomx importanza strateġika għall-funzjonament tas-suq ferrovjarju mill-applikazzjoni tal-Artikolu 8(3) u l-infrastrutturi ferrovjarji lokali li ma għandhomx importanza strateġika għall-funzjonament tas-suq ferrovjarju mill-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 7a, 7c u l-Kapitolu IV. L-Istati membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jeskludu infrastrutturi ferrovjarji b'hal dawn. F'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 62(2), il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tali infrastruttura ferrovjarja tistax titqies li tkun mingħajr ebda importanza strateġika b'kont meħud tat-tul tal-linji ferrovjarji kkonċernati, il-livell tal-użu tagħhom u l-impatt potenzjali fuq il-volum tat-traffiku.';

(ba) Jiddaħħal paragrafu ġdid 8a:

"(8a) Għal perijodu ta' 10 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-applikazzjoni tal-Kapitolu II u IV tad-Direttiva, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 10, 13 u 56, linji ferrovjarji iżolati ta' anqas minn 500 km b'wisa' bejn il-linji differenti minn dak tan-netwerk domestiku ewlieni, li jagħmlu konnessjoni ma' pajjiż terz fejn il-leġislazzjoni ferrovjarja tal-UE ma tapplikax u li huma ġestiti minn manijer tal-infrastruttura differenti minn dak tan-netwerk domestiku ewlieni. Impriżi ferrovjarji li joperaw esklużivament fuq dawn il-linji jistgħu jiġu eżentati mill-applikazzjoni tal-Kapitolu II.

L-eżenzjoni tista' tiġġedded għal perijodi ta' mhux aktar minn 5 snin. Mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel id-data tal-iskadenza tal-eżenzjoni, Stat Membru li bi ħsiebu jġedded l-eżenzjoni għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni għandha teżamina jekk il-kondizzjonijiet għal eżenzjoni kif imsemmi fis-subparagrafu ta' hawn fuq jibqgħux issodisfati. Jekk daww il-kondizzjonijiet ma jkunux issodisfati, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar it-terminazzjoni tal-eżenzjoni f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 62(2)."

(c) Jiddaħħal il-paragrafu 12:

'(12) Meta, fil-kuntest ta' sħubija pubblika-privata eżistenti konklużi qabel is-16 ta' Ġunju 2015, il-parti privata għal din is-sħubija hija wkoll impriża ferrovjarja responsabbli għall-forniment ta' servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri fuq l-infrastruttura, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jeżentaw lil tali parti privata mill-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 7a u 7d u jillimitaw id-dritt li jittellgħu u jitniżżlu passiġġieri għal servizzi operati minn impriżi ferrovjarji fuq l-istess infrastruttura bħas-servizzi tal-passiġġieri provduti mill-parti privata taħt is-sħubija pubblika-privata.'

(d) Jiddaħħal il-paragrafu 13:

"(13) Il-manigġers tal-infrastruttura privata li huma parti minn sħubija pubblika-privata konkludha qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u li ma jirċevux fondi pubbliċi għandhom jiġu esklużi mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7d ladarba s-self u l-garanziji finanzjarji mħaddma mill-manigġers tal-infrastruttura ma jibbenefikawx direttament jew indirettament lil impriżi ferrovjarji speċifiċi."

1. L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej: ¹

(2) "manigġers tal-infrastruttura" tfisser kwalunkwe korp jew ditta responsabbli għall-operazzjoni, il-manutenzjoni u t-tiġdid ta' infrastruttura ferrovjarja fuq netwerk, u għall-parteċipazzjoni fl-iżvilupp tagħha kif determinat mill-Istat Membru fil-qafas tal-politika ġenerali tiegħu dwar l-iżvilupp u l-finanzjament tal-infrastruttura;

(2a) "iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja" tfisser ippjanar tan-netwerk, ippjanar finanzjarju u ppjanar fl-investment, kif ukoll il-bini u l-immodernizzar tal-infrastruttura;

(2aa) "operazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja" tfisser l-allokazzjoni tal-mogħdijiet tal-ferrovija, l-immaniġġjar tat-traffiku u t-tariffi għall-użu tal-infrastruttura;²

(2b) "manutenzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja" tfisser xogħlijiet intiżi sabiex tinżamm il-kondizzjoni u l-kapaċità tal-infrastruttura eżistenti;

¹ Tista' tiġi inkluża premessa biex jiġi ċċarat li l-operazzjoni ta' infrastruttura ferrovjarja hija possibbli bħala strutturi separati, impriżi integrati vertikalment jew impriżi integrati vertikalment flimkien mal-esternalizzazzjoni.

² Tista' tiġi inkluża premessa biex jiġi ċċarat li l-operazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja tinkludi kontroll, kmand u sinjalazzjoni. Ser tiġi inkluża premessa biex jiġi ċċarat li f'dan il-kuntest, għandu jkun żgurat li l-infrastruttura hija adattata għall-użu speċifikat tagħha.

- (2c) "tiġdid tal-infrastruttura ferrovjarja" tfisser xogħlijiet kbar ta' sostituzzjoni fuq l-infrastruttura eżistenti li ma jibdlux il-prestazzjoni ġenerali tagħha;
- (2d) "immodernizzar tal-infrastruttura ferrovjarja" tfisser xogħlijiet kbar ta' modifikazzjoni fuq l-infrastruttura eżistenti li jtejbu [...] l-prestazzjoni ġenerali tagħha;
- (2e) "funzjonijiet essenzjali" tal-immaniġġjar tal-infrastruttura tfisser it-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-mogħdijiet tal-ferrovija, inkluż kemm id-definizzjoni kif ukoll il-valutazzjoni tad-disponibbiltà u l-allokazzjoni ta' mogħdijiet tal-ferrovija individwali, u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar it-tariffi għall-użu tal-infrastruttura, inkluż id-determinazzjoni u l-għbir tat-tariffi, f'konformità mal-qafas tat-tariffi u l-qafas tal-allokazzjoni tal-kapaċità stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikoli 29 u 39.'

(b) Jiżdiedu l-punti li ġejjin:

'(31) "impriża integrata vertikalment" tfisser impriża fejn, skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004:

- maniġer tal-infrastruttura huwa kkontrollat minn impriża li fl-istess ħin tikkontrolla impriża ferrovjarja waħda jew aktar li topera servizzi ferrovjarji fuq in-netwerk tal-maniġer tal-infrastruttura jew

- maniġer tal-infrastruttura huwa kkontrollat minn impriża ferrovjarja waħda jew aktar li topera servizzi ferrovjarji fuq in-netwerk tal-maniġer tal-infrastruttura jew

- impriża ferrovjarja waħda jew aktar li topera servizzi ferrovjarji fuq in-netwerk tal-maniġer tal-infrastruttura huma kkontrollati minn maniġer tal-infrastruttura.

Din tfisser ukoll impriża li tikkonsisti minn diviżjonijiet distinti, inkluż maniġer tal-infrastruttura u diviżjoni waħda jew aktar li tipprovdi servizzi tat-trasport li ma għandhomx personalità ġuridika distinta.

Fejn maniġer tal-infrastruttura u impriża ferrovjarja jkunu kompletament indipendenti minn xulxin, iżda li t-tnejn ikunu ikkontrollati direttament minn Stat Membru mingħajr entità intermedjarja, dawn mhumieq meqjusa li jikkostitwixxu impriża integrata vertikalment għall-finijiet ta' din id-Direttiva³.

(32) "sħubija pubblika-privata" tfisser arranġament vinkolanti bejn korpi pubbliċi u impriża waħda jew aktar għajr il-maniġer prinċipali tal-infrastruttura ta' Stat Membru⁴, li taħtu l-impriżi parzjalment jew totalment jibnu u/jew jiffinanzjaw infrastruttura ferrovjarja u/jew jiksbu d-dritt li jeżerċitaw kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet elenkati fil-punt (2) għal perijodu ta' żmien predefinit. L-arranġament jista' jieħ u kwalunkwe forma legalment vinkolanti xierqa prevista fil-leġislazzjoni nazzjonali.

(33) "bord ta' ġestjoni" tfisser [...] il-korp **għoli** ta' impriża li jwettaq funzjonijiet eżekuttivi u amministrattivi, li huwa responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum tal-impriża.

(33a) "bord superviżorju" tfisser [...] **l-ogħla** korp ta' impriża li jwettaq kompiti ta' superviżjoni, inkluż l-eżerċizzju ta' kontroll fuq il-bord ta' ġestjoni u deċiżjonijiet strateġiċi ġenerali fir-rigward tal-impriża.

2. Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 huwa sostitwit bit-test li ġej:

"Għall-fini ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 7a(3) għandhom jeħtieġu li l-impriża tkun organizzata f'diviżjonijiet distinti li ma għandhomx personalità ġuridika distinta fi ħdan impriża waħda."

³ Il-kunċett ta' indipendenza sħiħa għall-finijiet ta' din id-definizzjoni jista' jiġi ċċarat fi premessa. L-"entità intermedjarja" ma għandhiex tinftiehem bħala Ministeru.

⁴ Il-fatt li huwa l-Istat Membru li jiddetermina liema entità hija l-maniġer prinċipali tal-infrastruttura jista' jiġi ċċarat fi premessa.

3. L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7

Indipendenza tal-manigier tal-infrastruttura

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manigier tal-infrastruttura jkun responsabbli għall-operazzjoni, il-manutenzjoni u t-tiġdid ta' netwerk u li jiġi inkarigat bl-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja ta' dak in-netwerk, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manigier tal-infrastruttura jkun organizzat bħala entità li hija ġuridikament distinta minn kwalunkwe impriża ferrovjarja u, f'impriża integrata vertikalment, minn kwalunkwe entità ġuridika oħra fi ħdan l-impriża.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istess individwi ma jistgħux ikunu impjegati fl-istess ħin:

- bħala membri tal-bord ta' ġestjoni ta' manigier tal-infrastruttura u ta' impriża ferrovjarja,
- bħala persuni responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-funzjonijiet essenzjali u bħala membri tal-bord ta' ġestjoni ta' impriża ferrovjarja,
- f'każ li jeżisti bord superviżorju, bħala membri tal-bord superviżorju ta' manigier tal-infrastruttura u ta' impriża ferrovjarja.

4. F'impriżi integrati vertikalment, il-membri tal-bord ta' ġestjoni tal-manigier tal-infrastruttura u l-persuni responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-funzjonijiet essenzjali ma għandhom jirċievu ebda benefiċċju finanzjarju minn impriżi ferrovjarji jew bonuses marbuta prinċipalment mal-prestazzjoni finanzjarja ta' [...] impriżi ferrovjarji partikolari. Madankollu dawn jistgħu jiġu offruti inċentivi marbuta mal-prestazzjoni globali tas-sistema ferrovjarja.

5. Fejn is-sistemi ta' informazzjoni jkunu komuni għal entitajiet differenti fi ħdan impriża integrata vertikament, aċċess għal informazzjoni sensittiva dwar il-funzjonijiet essenzjali għandhom jiġu ristretti għall-persunal awtorizzat tal-maniġer tal-infrastruttura.

6. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jirrigwardjaw l-iżvilupp u l-finanzjament tal-infrastruttura ferrovjarja u l-kompetenzi tal-Istati Membri li jirrigwardjaw il-finanzjament tal-infrastruttura u t-tariffi għall-użu tal-infrastruttura, kif ukoll l-allokazzjoni ta' kapaċità, kif definiti fl-Artikoli 4(2), 8, 29 u 39."

4. Jiddaħħlu l-Artikoli 7a sa 7g li ġejjin:

"Artikolu 7a

Indipendenza tal-funzjonijiet essenzjali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-maniġer tal-infrastruttura jkollu indipendenza organizzattiva u deċiżjonali fi ħdan il-limiti stipulati fl-Artikoli 4(2), 29 u 39, fir-rigward tal-funzjonijiet essenzjali.

2. Għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw b'mod partikolari li:

- impriża ferrovjarja jew kwalunkwe entità ġuridika oħra ma teżerċita influwenza deċiżiva fuq l-maniġer tal-infrastruttura fir-rigward tal-funzjonijiet essenzjali, mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Istati Membri fir-rigward tad-determinazzjoni tal-qafas tat-tariffi u l-qafas tal-allokazzjoni tal-kapaċità u regoli speċifiċi għat-tariffi f'konformità mal-Artikoli 29 u 39.

- impriża ferrovjarja ma għandha ebda influwenza deċiżiva fuq ħatriet u tkeċċijiet ta' persuni responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-funzjonijiet essenzjali⁵.

- il-mobilità ta' persuni inkarigati mill-funzjonijiet essenzjali ma toħloqx kunflitti ta' interess.

⁵ Tista' tiġi inkluża premessa sabiex jiġi ċċarat li l-proċeduri għall-ilmenti huma koperti wkoll.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li t-tariffi għall-użu tal-infrastruttura u l-allokazzjoni tal-mogħdijiet tal-ferrovija għandhom jitwettqu minn korp li jimponi tariffi u minn korp ta' allokazzjoni li jkunu indipendenti minn kull impriża ferrovjarja fil-forma ġuridika, l-organizzazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. F'tali każ, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2) u t-tielet inċiż tal-Artikolu 7(3).⁶L-Artikolu 7(3), l-ewwel inċiż u l-Artikolu 7(4) għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-kapijiet tad-diviżjonijiet responsabbli mill-immaniġġjar tal-infrastruttura u l-forniment tas-servizzi ferrovjarji.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jirreferu għall-funzjonijiet essenzjali ta' maniġer tal-infrastruttura għandhom japplikaw għall-korp indipendenti li jimponi tariffi u/jew korp indipendenti tal-allokazzjoni.

Artikolu 7b

Imparzialità tal-maniġer tal-infrastruttura fir-rigward tal-immaniġġjar tat-traffiku u l-ippjanar tal-manutenzjoni

1. Il-funzjonijiet tal-immaniġġjar tat-traffiku u l-ippjanar tal-manutenzjoni għandhom ikunu eżerċitati b'mod trasparenti u nondiskriminatorju.

2. Fir-rigward tal-immaniġġjar tat-traffiku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi ferrovjarji jkollhom aċċess sħiħ u f'waqtu għal informazzjoni rilevanti f'każijiet ta' tħarbit li jikkonċernahom. Meta l-maniġer tal-infrastruttura jagħti aċċess ulterjuri għall-proċess tal-immaniġġjar tat-traffiku, huwa għandu jagħmel dan għall-impriżi ferrovjarji kkonċernati b'mod trasparenti u nondiskriminatorju.

3. Fir-rigward tal-ippjanar fit-tul ta' manutenzjoni maġġuri u/jew it-tiġdid tal-infrastruttura ferrovjarja, l-maniġer tal-infrastruttura għandu jikkonsulta lill-applikanti u għandu jqis kemm jista' jkun it-tħassib espress.

⁶ Tista' tiġi inkluża premessa biex tispjega kif id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva jiġu applikati mutatis mutandis għal impriżi integrati vertikament, fejn il-maniġer tal-infrastruttura u l-impriża ferrovjarja ma għandhom l-ebda personalità legali distinta iżda huma organizzati f'diviżjonijiet distinti fi ħdan impriża waħda.

Artikolu 7c

Esternalizzazzjoni u kondiviżjoni tal-funzjonijiet tal-maniġer tal-infrastruttura⁷

1. Dment li ma jkun hemm ebda kunflitt ta' interess u li tiġi ggarantita l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva, il-maniġer tal-infrastruttura jista':

- (a) jesternalizza funzjonijiet lil entità differenti, dment li din tal-aħħar la tkun impriża ferrovjarja, u lanqas ma tikkontrolla impriża ferrovjarja, jew ma tkun ikkontrollata minn impriża ferrovjarja;
- (b) jesternalizza l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u kompiti relatati rigward [...] l-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tiġdid tal-infrastruttura ferrovjarja lill-impriżi ferrovjarji jew lil kumpanniji li jikkontrollaw l-impriża ferrovjarja, jew huma kkontrollati mill-impriża ferrovjarja.

Il-maniġer tal-infrastruttura għandu jżomm is-setgħa ta' superviżjoni fuq il-funzjonijiet deskritti fl-Artikolu 3(2) u jkollu r-responsabbiltà aħħarija għall-eżerċizzju tal-imsemmija funzjonijiet. Kwalunkwe entità li tkun qed twettaq funzjonijiet essenzjali għandha tikkonforma mal-Artikoli 7, 7a, 7b u 7d.

2. B'deroga mill-Artikolu 7(1), il-funzjonijiet ta' immaniġġjar tal-infrastruttura jistgħu jitwettqu minn maniġers tal-infrastruttura differenti, inklużi partijiet għal arranġamenti ta' sħubija pubblika-privata bil-kondizzjoni li dawn kollha jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 7(2) sa (6), 7a, 7b u 7d u jassumu r-responsabbiltà sħiħa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet kkonċernati.

⁷ Tista' tiddaħħal premessa biex tiċċara li skont il-liġi nazzjonali, jista' jkun att leġislattiv li jippermetti l-esternalizzazzjoni tal-funzjonijiet tal-maniġer tal-infrastruttura.

2a. Meta l-funzjonijiet essenzjali mhumieħ assenjati lil operatur tal-provvista tal-enerġija, dan għandu jkun eżentat mir-regoli applikabbli għal manijers tal-infrastruttura, dment li l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti rigward l-iżvilupp tan-netwerk, b'mod partikolari l-Artikolu 8, tkun żgurata.

3. Soġġett għal superviżjoni mill-korp kompetenti indipendenti stabbilit mill-Istati Membri, manijer tal-infrastruttura jista' jikkonkludi ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' impriża ferrovjarja waħda jew aktar b'mod nondiskriminatorju u bl-għan li jitwasslu l-benefiċċji lill-klijenti bħal inqas spejjeż jew prestazzjoni mtejbja min-naħa tan-netwerk kopert mill-ftehim.

Dak il-korp għandu jissorvelja l-eżekuzzjoni ta' dawn il-ftehimiet u jista', f'każijiet ġustifikati, jagħti parir li għandhom jintemmu.

Trasparenza finanzjarja

Minbarra l-Artikolu 6, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- (a) Filwaqt li jiġu rispettati l-proċeduri nazzjonali applikabbli f'kull Stat Membru, id-dħul minn attivitajiet ta' mmaniġġjar tal-infrastruttura, inkluż il-fondi pubbliċi, jista' jintuża mill-manijer tal-infrastruttura biss biex jiffinanzja n-negozju tiegħu, inkluż l-immaniġġjar tas-self tiegħu, u biex jitħallsu d-dividendi [...] lis-sidien⁹ tal-kumpanija, li jistgħu jinkludu kwalunkwe azzjonist privat¹⁰.
- (b) Il-manijers tal-infrastruttura m'għandhomx jagħtu self lil impriżi ferrovjarji, la direttament u lanqas indirettament.
- (bb) L-impriżi ferrovjarji m'għandhomx jagħtu self lil manijers tal-infrastruttura, la direttament u lanqas indirettament.
- (c) Is-self bejn entitajiet legali ta' impriżi integrati vertikalment, għandu jingħata, jitħallas u jiġi ġestit biss bir-rati tas-suq u l-kondizzjonijiet li jirriflettu l-profil individwali ta' riskju tal-entità kkonċernata.
- (cc) Is-self bejn entitajiet ġuridiċi ta' impriża integrata vertikalment mogħti qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] għandu jkompli sal-maturità tiegħu, dment li jkunu ngħata b'kuntratt bir-rati tas-suq u li effettivament jitħallas u jiġi ġestit.

⁸ Tista' tiġi inkluża premessa biex jiġi speċifikat li d-dispożizzjoni tal-Artikolu 31 ma tipprekludix Stat Membru milli jipprevedi li d-dħul tal-manijer tal-infrastruttura minn tariffi għall-użu tal-infrastruttura jgħaddi mill-kontijiet tal-Istat.

⁹ Tista' tiġi inkluża premessa biex jiġi ċċarat li s-sidien tal-kumpanija jinkludu l-Istat u kwalunkwe azzjonist privat għall-esklużjoni tal-azjenda.

¹⁰ Tista' tiġi inkluża premessa biex jiġi ċċarat li għandu jkun possibbli li l-manijer tal-infrastruttura jħallas dan id-dħul u d-dividendi direttament jew permezz ta' entità oħra fi ħdan l-impriża.

- (d) Kwalunkwe servizz offrut minn entitajiet legali oħra ta' impriża integrata vertikalment lill-maniġer tal-infrastruttura għandu jkun abbażi ta' kuntratti u għandu jitħallas jew bil-prezzijiet tas-suq inkella bi prezzijiet li jirriflettu l-ispiża għall-produzzjoni, flimkien ma' marġni raġonevoli ta' profitt.
- (dd) Id-dejn attribwit lill-maniġer tal-infrastruttura għandu jkun separat b'mod ċar mid-dejn attribwit lill-entitajiet legali oħrajn fi ħdan impriża integrata vertikalment. Dan id-dejn għandu jiġi ġestit separatament. Dan ma jipprevjenix li l-ħlas finali tad-dejn isir permezz tal-impriża msemmija fl-Artikolu 3, il-punt 31, l-ewwel inċiż, jew permezz ta' entità oħra fi ħdan l-impriża.
- (de) Il-kontijiet tal-maniġer tal-infrastruttura u tal-entitajiet legali l-oħrajn fi ħdan impriża integrata vertikalment għandhom jinżammu b'tali mod li jkun żgurat li jiġi ssodisfati dawn id-dispożizzjonijiet u li jippermetti li jkun hemm kontabbiltà separata u ċirkwiti finanzjarji trasparenti fi ħdan l-impriża.
- (f) Fi ħdan impriżi integrati vertikalment, l-maniġer tal-infrastruttura għandu jżomm rekords dettaljati ta' kwalunkwe relazzjoni kummerċjali u finanzjarja mal-entitajiet legali l-oħrajn fi ħdan din l-impriża.

Fejn il-funzjonijiet essenzjali jitwettqu minn korp indipendenti li jimponi t-tariffi u jalloka l-kapaċitajiet f'konformità mal-Artikolu 7a(3) u l-Istati Membri ma jkunux qed japplikaw l-Artikolu 7(2), id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Referenzi għall-maniġer tal-infrastruttura, l-impriża ferrovjarja u entitajiet legali oħra ta' impriża integrata vertikalment fl-Artikolu 7d għandhom jinftiehm b'halaw dawk li jirreferu għad-diviżjonijiet rispettivi tal-impriża. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7d għandha tintwera fil-kontijiet separati tad-diviżjonijiet rispettivi tal-impriża.

Artikolu 7e

Mekkaniżmi ta' koordinazzjoni

Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' koordinazzjoni adatti bejn il-manigġers prinċipali tal-infrastruttura tagħhom u l-impriżi ferrovjarji u l-applikanti kollha kkonċernati, kif imsemmi fl-Artikolu 8(3). Ir-rappreżentanti tal-utenti u l-awtoritajiet lokali/reġjonali jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw. Il-koordinazzjoni għandha tikkonċerna inter alia:

- (a) il-ħtiġijiet tal-applikanti marbutin mal-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-kapaċità tal-infrastruttura;
- (b) il-kontenut tal-miri ta' prestazzjoni orjentati lejn l-utenti li jinsabu fil-ftehimiet kuntrattwali msemija fl-Artikolu 30 u tal-inċentivi msemija fl-Artikolu 30(1) u l-implimentazzjoni tagħhom;
- (c) il-kontenut u l-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni tan-netwerk imsemija fl-Artikolu 27;
- (d) kwistjonijiet ta' intermodalità u interoperabbiltà;
- (e) kwalunkwe kwistjoni oħra marbuta mal-kondizzjonijiet għall-aċċess u l-użu tal-infrastruttura u l-kwalità tas-servizzi tal-manigġer tal-infrastruttura.

Artikolu 7f

Network Ewropew ta' Maniġers tal-Infrastruttura¹¹

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-maniġers prinċipali tal-infrastruttura tagħhom jieħdu schem u jikkooperaw f'network li jiltaqa' f'intervalli regolari biex:

- (a) jiżviluppaw l-infrastruttura ferrovjarja tal-Unjoni,
- (b) jappoġġaw implimentazzjoni f'waqtha u effiċjenti taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea,
- (c) jiskambjaw l-aħjar prattiki,
- (d) jissorveljaw il-prestazzjoni, u
- (e) jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq imsemmija fl-Artikolu 15.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun membru tan-network, u għandha tappoġġa l-ħidma tiegħu."

¹¹ Tista' tiġi inkluża premessa biex tiċċara li l-istrutturi eżistenti ser jingħataw bażi legali.

5. L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. **Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1370/2007**, l-impriżi ferrovjarji għandhom jingħataw, b'kondizzjonijiet ekwitabbli, nondiskriminatorji u trasparenti, id-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja fl-Istati Membri kollha sabiex iħaddmu [...] servizzi ferrovjarji għall-passiġġieri. L-impriżi ferrovjarji għandu jkollhom id-dritt li jtellgħu passiġġieri minn kwalunkwe stazzjon u jniżżluhom f'ieħor. Dak id-dritt għandu jinkludi aċċess għall-infrastruttura li tikkollega l-faċilitajiet tas-servizz imsemmija fil-punt 2 tal-Anness II.",¹²

¹² Tista' tiġi inkluża premessa biex tiċċara li din id-dispożizzjoni li tiżgura l-aċċess liberu għal infrastruttura ferrovjarja għall-forniment ta' servizzi domestiċi għall-passiġġieri hija mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva tal-awtoritajiet kompetenti meta jiddeċiedu liema impriża jikkunsidraw għall-ġoti dirett ta' kuntratti ta' OSP: "Id-dritt tal-impriżi ferrovjarji li jingħataw aċċess għall-infrastruttura ma jaffettwax il-possibbiltà ta' awtorità kompetenti milli tagħti drittijiet esklussivi f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jew li tagħti kuntratt ta' servizz pubbliku direttament bil-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-istess Regolament. L-eżistenza ta' tali kuntratt ta' servizz pubbliku m'għandhiex tagħti d-dritt lil Stat Membru li jipprojbixxi impriżi ferrovjarji oħra milli jkollhom aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja konċernata għall-forniment ta' servizzi ferrovjarji għall-passiġġieri, sakemm tali servizzi ma jkunux ser jipperikolaw il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt ta' OSP."

(b) jizzied il-paragrafu 1(a) ġdid:

"1(a). Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u l-Istati Membri, l-Istati Membri li għandhom fruntiera ma' pajjiż terz jistgħu jillimitaw id-dritt ta' aċċess previst fl-Artikolu 10 għal servizzi mħaddma minn/lejn dak il-pajjiż terz li jaħdmu fuq netwerk li l-wisa' bejn il-linji tiegħu hija differenti minn tan-netwerk ferrovjarju prinċipali fi ħdan l-UE jekk jirriżultaw distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fit-trasport ferrovjarju transfruntier bejn l-Istati Membri u dak il-pajjiż terz. Tali distorsjonijiet jistgħu jirriżultaw, fost affarijiet oħra, minn nuqqas ta' aċċess nondiskriminatorju għall-infrastruttura ferrovjarja u servizzi relatati fil-pajjiż terz ikkonċernat.

Jekk Stat Membru, f'konformità ma' dan il-paragrafu, biħsiebu jadotta deċiżjoni li tillimita d-dritt ta' aċċess, huwa għandu jippreżenta l-abbozz ta' deċiżjoni lill-Kummissjoni Ewropea u jikkonsulta mal-Istati Membri l-oħra kif adatt.

Jekk, fi żmien tliet xhur, la l-Kummissjoni u lanqas Stat Membru ma jifformulaw oġġezzjoni, l-Istat Membru jista' jadotta d-deċiżjoni.

Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri li jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura u l-kriterji li għandhom jiġu segwiti għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 62(3)."

13

(c) Jitħassru l-paragrafi 3 u 4.

¹³ Tista' tiddaħħal premessa li tiċċara li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-kondizzjonijiet biex jingħata d-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja biex jitħaddmu servizzi ferrovjarji għall-passiġġieri jinkludu kondizzjonijiet li jippermettu sistema ta' servizzi ferrovjarji għall-passiġġieri fi ħdan skeda ta' żmien integrata.

6. L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘1. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw id-dritt ta' aċċess previst fl-Artikolu 10(2) għal servizzi għall-passiġġieri bejn post ta' tluq partikolari u destinazzjoni partikolari fejn kuntratt pubbliku għal servizzi wieħed jew iktar ikopri l-istess rotta jew rotta alternattiva jekk l-eżerċizzju ta' dan id-dritt jikkomprometti l-ekwilibriju ekonomiku tal-kuntratt pubbliku għal servizzi inkwistjoni.’;

(b) l-ewwel sentenza tal-paragrafu 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

'Sabiex jistabbilixxi jekk l-ekwilibriju ekonomiku ta' kuntratt pubbliku għal servizzi huwiex ser ikun kompromess, il-korp jew korpi regolatorji rilevanti msemmija fl-Artikolu 55 għandhom jagħmlu analiżi ekonomika oġġettiva u għandhom jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq kriterji deċiżi minn qabel. Huma għandhom jistabbilixxu dan wara talba mingħand kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin, ippreżentata fi żmien xahar mill-informazzjoni dwar is-servizz għall-passiġġieri ippjanat, imsemmi fl-Artikolu 38(4):

- (a) l-awtorità kompetenti jew l-awtoritajiet kompetenti li taw il-kuntratt ta' servizz pubbliku;
- (b) kwalunkwe awtorità kompetenti interessata oħra bid-dritt li tillimita l-aċċess skont dan l-Artikolu;
- (c) il-manijer tal-infrastruttura;
- (d) l-impriża ferrovjarja li twettaq l-kuntratt pubbliku għal servizzi.

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘3. Il-korp regolatorju għandu jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu u l-kondizzjonijiet li bihom tista' tintalab li d-deċiżjoni terġa' tiġi kkunsidrata fi żmien xahar min-notifika tagħha, minn waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) l-awtorità kompetenti jew l-awtoritajiet kompetenti rilevanti;
- (b) il-manigġer tal-infrastruttura;
- (c) l-impriża ferrovjarja li twettaq il-kuntratt pubbliku għal servizzi;
- (d) l-impriża ferrovjarja li qed tfittex li tikseb aċċess.

F'każ li korp regolatorju jiddeċiedi li l-ekwilibriju ekonomiku ta' kuntratt pubbliku jiġi kompromess mis-servizz għall-passiġġieri ppjanat imsemmi fl-Artikolu 38(4), huwa għandu jindika t-tibdil possibbli għal tali servizz li jiżgura li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet biex jingħata d-dritt ta' aċċess previst fl-Artikolu 10(2).';

- (d) Fil-paragrafu 4, tizzied it-tieni sentenza kif ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri komparabbli sa [36 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] fir-rigward ta' servizzi domestiċi għall-passiġġieri."

(e) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘5. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw ukoll id-dritt ta' aċċess għal infrastruttura ferrovjarji għal fini tal-operazzjoni ta' servizzi domestiċi għall-passiġġieri bejn post ta' tluq partikolari u destinazzjoni partikolari fl-istess Stat Membru meta jkun inġhata dritt esklużiv li jitwasslu passiġġieri bejn dawn l-istazzjonijiet skont kuntratt pubbliku għal servizzi mogħti qabel is-16 ta' Ġunju 2015 u fejn l-operatur ta' servizz pubbliku ma jirċievi l-ebda kumpens biex jopera dawn is-servizzi. Tali limitazzjoni tista' tkompli tul iż-żmien oriġinali tal-kuntratt, jew għal 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, skont liema jkun l-iqsar.’¹⁴

7. Jiddaħħal l-Artikolu 13a li ġej:

"Artikolu 13a

Skemi komuni ta' informazzjoni u skemi integrati ta' bejgħ ta' biljetti

1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1371/2007¹⁵ u għad-Direttiva 2010/40/UE¹⁶, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-impriżi ferrovjarji li jħaddmu servizzi nazzjonali għall-passiġġieri sabiex jieħdu sehem fi skema komuni ta' informazzjoni u skema integrata ta' bejgħ ta' biljetti biex jiġu pprovduti l-biljetti, biljetti kumulattivi u prenotazzjonijiet, jew jiddeċiedu li jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti biex jistabbilixxu tali skema. Jekk tiġi stabbilita tali skema, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li din ma toħloqx distorsjoni fis-suq jew ma tiddiskriminax bejn impriżi ferrovjarji, u li tiġi amministrata minn entità legali pubblika jew privata jew assoċjazzjoni tal-impriżi ferrovjarji kollha li jħaddmu servizzi għall-passiġġieri.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li impriżi ferrovjarji li joperaw servizzi għall-passiġġieri biex jistabbilixxu pjanijiet ta' kontinġenza u għandhom jiżguraw li dawn il-pjanijiet ta' kontinġenza jiġu kkoordinati kif suppost biex jipprovdu assistenza lill-passiġġieri, skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007, fil-każ ta' interruzzjoni kbira ħafna fis-servizzi.'

¹⁴ Jeħtieġ li din il-kwistjoni tiġi riflessa b'mod adegwat fit-test tal-OSP, fost oħrajn biex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-perijodi ta' żmien inklużi fit-testi tal-OSP u tal-Governanza.

¹⁵ ĠU L315, 3.12.2007, p. 14.

¹⁶ ĠU L207, 6.8.2010, p. 1.

8. Fl-Artikolu 38, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘4. Fejn applikant biħsiebu jitlob kapaċità tal-infrastruttura bil-ħsieb li jopera servizz għall-passiġġieri, fi Stat Membru fejn id-dritt ta' aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja huwa limitat f'konformità mal-Artikolu 11, huwa għandu jinforma lill-maniġers tal-infrastruttura u l-korpi regolatorji kkonċernati mhux inqas minn 18-il xahar qabel id-dħul fis-seħħ tal-iskeda ta' żmien operattiva li magħha tkun marbuta t-talba għall-kapaċità. Sabiex il-korpi regolatorji kkonċernati jkunu jistgħu jivvalutaw l-impatt ekonomiku potenzjali fuq il-kuntratti pubbliċi għal servizzi eżistenti, il-korpi regolatorji għandhom jiżguraw li kwalunkwe awtorità kompetenti li tat servizz ferrovjarju għall-passiġġieri fuq dik ir-rotta ddefinita f'kuntratt pubbliku għal servizz, kwalunkwe awtorità kompetenti oħra interessata bid-dritt li tillimita l-aċċess skont l-Artikolu 11 u kwalunkwe impriża ferrovjarja li twettaq il-kuntratt pubbliku għal servizz fuq ir-rotta ta' dak is-servizz għall-passiġġieri tiġi mgħarrfa mingħajr dewmien żejjed u mhux iktar tard minn 10 ijiem wara.’

9. Fl-Artikolu 63, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-impatt ta' din id-Direttiva fuq is-settur ferrovjarju, u għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha.

Sal-istess data, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk jippersistux Prattiki diskriminatorji jew tipi oħra ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-maniġers tal-infrastruttura li huma parti minn impriża integrata vertikament. Jekk xieraq, il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri legiſlattivi ġodda.'

10. Fl-Artikolu 56(1), jiddaħħlu l-ittri (h), (i) u (j) li ġejjin:

‘(h) immaniġġjar tat-traffiku;

(i) ippjanar tal-manutenzjoni u t-tiġdid.

(j) konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 2(13), 7, 7a, 7b, 7c u 7d.'

11. Ir-referenza għal "(g)" fil-paragrafi (2) u (9) tal-Artikolu 56 tiġi sostitwita b'referenza għal "(j)".

12. L-Artikolu 56(12) huwa emendat kif ġej:

"Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni tal-kontijiet stipulati fl-Artikolu 6 u d-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza finanzjarja stipulati fl-Artikolu 7d, il-korp regolatorju għandu jkollu s-setgħa li jwettaq verifiki jew li jibda verifiki esterni mal-maniġers tal-infrastruttura, l-operaturi tal-faċilitajiet ta' servizz u, fejn rilevanti, mal-impriżi ferrovjarji. Fil-każ ta' impriżi integrati vertikalment, dawn is-setgħat għandhom ikunu estiżi għall-entitajiet legali kollha. Il-korp regolatorju għandu jkun intitolat jitlob kwalunkwe informazzjoni rilevanti. B'mod partikolari l-korp regolatorju għandu jkollu s-setgħa li jitlob lill-maniġer tal-infrastruttura, lill-operaturi tal-faċilitajiet ta' servizz u l-impriżi jew entitajiet oħra kollha li jwettqu jew jintegraw tipi differenti ta' trasport ferrovjarju jew immaniġġjar tal-infrastruttura kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) u (2) u l-Artikolu 13 biex jagħtu l-informazzjoni ta' verifika sħiħa jew parti minnha kif elenkat fl-Anness VIII b'livell suffiċjenti ta' dettall kif meqjus meħtieġ u proporzjonat.

Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal kwistjonijiet marbuta mal-ġajnuna mill-Istat, il-korp regolatorju jista' wkoll joħroġ konklużjonijiet mill-kontijiet rigward kwistjonijiet ta' ġajnuna mill-Istat li għandu jirrapporta lil dawk l-awtoritajiet.

Il-flussi finanzjarji msemmija fl-Artikolu 7d(a), is-self imsemmi fl-Artikolu 7d(c) u (cc), u d-dejn imsemmi fl-Artikolu 7d(dd) għandhom ikunu soġġetti għall-monitoraġġ mill-korp regolatorju.

Fejn Stat Membru jkun innomina lill-korp regolatorju bħala l-korp kompetenti indipendenti msemmi fl-Artikolu 7c(3), il-korp regolatorju għandu jevalwa l-ftehimiet ta' kooperazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu."

13. L-Artikolu 32(4) huwa emendat kif ġej:

"It-tariffi għall-użu tal-infrastruttura tal-kuritur ferrovjarji li huma speċifikati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/561/KE jistgħu jkunu differenzjati biex jingħataw inċentivi biex il-ferroviji jiġu mġammra bl-ETCS konformi mal-verżjoni adottata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/386/KE u verżjonijiet suċċessivi. Tali differenzjar m'għandux iwassal għal żieda ġenerali fid-dħul għall-maniġer tal-infrastruttura.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li dan id-differenzjar tat-tariffi għall-użu tal-infrastruttura ma jkunx japplika għal-linji ferrovjarji speċifikati fid-Deċiżjoni 2009/561/KE li fuqhom jistgħu jivvjaġġaw biss ferroviji mġammra b'ETCS.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jestendu dan id-differenzjar għal linji ferrovjarji li mhumiex speċifikati fid-Deċiżjoni 2009/561/KE."

14. Il-paragrafu 10 jiżdied mal-Artikolu 57:

"10. Għal deċiżjonijiet li jikkonċernaw infrastruttura binazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu koordinazzjoni bejn il-korpi regolatorji kkonċernati biex jiġi żgurat allinjament tal-impatt tad-deċiżjonijiet."

Artikolu 2¹⁷

1. Minkejja l-Artikolu 3(2), l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

1. Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Il-punti 5 sa 12 tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020 fil-ħin għall-iskeda operattiva li tibda fl-14 ta' Diċembru 2020.

¹⁷ Il-premessa li ġejja tista' tiġi inkluża biex tiċċara li l-Istati Membri jistgħu, matul il-perijodu transitorju, iżommu r-regoli interni eżistenti rigward l-aċċess għas-suq skont il-liġi nazzjonali: "Fil-proċess tal-ftuħ tas-swieq ferrovjarji nazzjonali għall-kompetizzjoni billi jingħata aċċess għan-networks lil kull impriża ferrovjarja, l-Istati Membri għandu jkollhom perijodu transitorju twil biżżejjed biex jadattaw il-liġijiet nazzjonali tagħhom kif ukoll l-organizzazzjoni nazzjonali tagħhom. Bħala konsegwenza, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jżommu r-regoli nazzjonali eżistenti tagħhom dwar l-aċċess għas-suq sal-aħħar tal-perijodu transitorju."

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 għandu jiġi emendat kif ġej¹⁸:

1. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt (a) tal-Artikolu 2:

"(aa) 'servizzi tat-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri' tfisser it-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri, bl-esklużjoni tat-trasport tal-passiġġieri b'mezzi oħra fuq binarji, bħall-metro jew it-tramm".

2. Jiddaħħal l-Artikolu 2a li ġej:

"Artikolu 2a

Speċifikazzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku

1. L-awtorità kompetenti għandha tiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet tal-obbligi ta' servizz pubbliku fit-trasport pubbliku tal-passiġġieri, u l-ambitu tal-applikazzjoni tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 2(e).

Dawk l-ispeċifikazzjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-oġettivi tal-politika tat-trasport pubbliku.

2. L-ispeċifikazzjonijiet tal-obbligi ta' servizz pubbliku u l-kumpens relatat tal-effett finanzjarju nett tal-obbligi ta' servizz pubbliku għandhom:

(a) jiksbu l-oġettivi tal-politika tat-trasport pubbliku b'mod kosteffettiv. Dan jinkludi l-possibbiltà li s-servizzi li jkopru l-ispejjeż jiġu raggruppati ma' servizzi li ma jkoprox spejjeż;

¹⁸ Tista' tiżdied il-premessa li ġejja: 'Oġettiv speċifiku ta' dan ir-Regolament huwa t-titjib tal-kwalità, it-trasparenza, l-effiċjenza u l-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri.'

- (b) isostnu finanzjarjament il-forniment tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-politika tat-trasport pubbliku fuq perijodu twil." ¹⁹ ²⁰

3. L-Artikolu 4 jiġi emendat kif ġej:

(0a) Fil-paragrafu 1, il-punt (a) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) jiddefinixxu biċ-ċar l-obbligi ta' servizz pubbliku stipulati fl-Artikolu 2(e) u fl-Artikolu 2a, li l-operatur ta' servizz pubbliku għandu jikkonforma magħhom, u ż-żoni ġeografiċi kkonċernati;"

(a) L-aħħar sentenza tal-paragrafu 1, il-punt (b) tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Fil-każ ta' kuntratti pubbliċi għal servizzi li ma jingħatawx f'konformità mal-Artikolu 5(1) jew (3), dawn il-parametri għandhom jiġu ddeterminati b'mod li l-ebda ħlas ta' kumpens ma jista' jeċċedi l-ammont meħtieġ biex ikopri l-effetti finanzjarji netti fuq l-infiq u d-dħul li jirriżultaw mit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jittieħed kont tad-dħul relatat miegħu miżmum mill-operatur ta' servizz pubbliku u qligħ raġonevoli;"

(b) Il-paragrafu 6 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"6. "Fejn l-awtoritajiet kompetenti, f'konformità mal-liġi nazzjonali, jirrikjedu li l-operaturi ta' servizz pubbliku jikkonformaw ma' ċerti standards ta' kwalità u soċjali jew jistabbilixxu kriterji soċjali u kwalitattivi, dawn l-istandards u l-kriterji għandhom jiġu inklużi fid-dokumenti tal-offerta u fil-kuntratti pubbliċi għal servizzi."

(c[...]) Jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:

¹⁹ Tista' tiżdied il-premessa li ġejja: 'L-obbligi ta' servizz pubbliku għandhom ikunu konformi mal-politika tat-trasport pubbliku. Madankollu, dan ma jintitolax lill-awtoritajiet kompetenti biex jirċievu ammont speċifiku ta' finanzjament.'

²⁰ Tista' tiżdied il-premessa li ġejja: "Sabiex jittieħed kont tad-diversità tal-organizzazzjoni territorjali u politika tal-Istati Membri, kuntratt pubbliku għal servizzi jista' jingħata minn awtorità kompetenti li tkun taħlita ta' awtoritajiet pubbliċi. F'tali ċirkostanzi, regoli ċari għandhom jistabbilixxu r-rwoli rispettivi ta' kull wieħed minnhom fil-proċess tal-ġoti ta' kuntratt pubbliku għal servizzi."

"8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati kollha, informazzjoni rilevanti għat-tħejjija ta' offerta fil-qafas ta' proċedura ta' offerti kompetittiva filwaqt li jikkunsidraw il-protezzjoni leġittima ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar id-domanda tal-passiġġieri, it-tariffi, l-ispejjeż u d-dħul marbutin mat-trasport pubbliku tal-passiġġieri koperti mill-offerti u dettalji tal-ispeċifikazzjonijiet tal-infrastruttura rilevanti għall-operazzjoni tal-vetturi jew rolling stock meħtieġa, sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jfasslu pjanijiet ta' negozju informati sew. Il-manigġers tal-infrastruttura ferrovjarja għandhom jappoġġaw lill-awtoritajiet kompetenti billi jipprovdu l-ispeċifikazzjonijiet infrastrutturali kollha rilevanti. In-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati hawn fuq għandu jkun soġġett għall-istħarriġ ġudizzjarju previst fl-Artikolu 5(7)."

4. L-Artikolu 5 jiġi emendat kif ġej:

(0a) L-ewwel sentenza tal-paragrafu 2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Dment li ma jkunx projbit mil-liġi nazzjonali, kwalunkwe awtorità lokali kompetenti, kemm jekk hija awtorità individwali jew inkella grupp ta' awtoritajiet li jipprovdu servizzi integrati tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri, tista' tiddeċiedi li tipprovdi servizzi tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri hija nnifisha jew tagħti kuntratti pubbliċi għal servizzi direttament lil entità legalment distinta li fuqha l-awtorità lokali kompetenti, jew, fil-każ ta' grupp ta' awtoritajiet mill-inqas awtorità lokali kompetenti waħda, teżerċita kontroll simili għal dak eżerċitat fuq id-dipartimenti tagħha stess.

Fil-każ ta' servizz pubbliku fit-trasport ferrovjarju, il-grupp ta' awtoritajiet imsemmi fis-subparagrafu preċedenti jista' jkun magħmul biss minn awtoritajiet lokali kompetenti li ż-żona ġeografika ta' kompetenza tagħhom ma tkunx waħda nazzjonali. Il-kuntratt ta' servizz pubbliku tat-trasport tal-passiġġieri jew tal-kuntratt pubbliku għal servizzi msemmi fis-subparagrafu preċedenti jista' jkopri biss il-ħtiġijiet ta' trasport ta' agglomerazzjonijiet urbani u/jew żoni rurali."²¹

(0aa) Fl-Artikolu 5(3), il-kliem "speċifikat fil-paragrafi 4, 5 u 6" huma sostitwiti bil-kliem "speċifikat fil-paragrafi 3a, [...] 4, 4a, 5 u 6".

²¹ Tista' tiġi inkluża premessa biex jiġi ċċarat li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddefinixxu fil-liġi nazzjonali x'jikkorrispondi għall-kunċetti ta' agglomerazzjonijiet urbani u żoni rurali: "Filwaqt li titqies id-diversità tad-diviżjonijiet amministrattivi li teżisti fl-Istati Membri, f'każ ta' kuntratti għall-forniment ta' servizzi tat-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri mogħtija direttament minn grupp ta' awtoritajiet lokali kompetenti kif imsemmi fl-Artikolu 5(2), id-determinazzjoni ta' liema awtoritajiet lokali huma kompetenti fir-rigward tal-"agglomerazzjonijiet urbani" u ż-żoni rurali" kkonċernati tibqa' f'idejn l-Istati Membri."

(0b) Jizzied il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Għal kuntratti pubbliċi għal servizzi **ta' trasport ferrovjarju** mogħtija fuq il-bażi ta' proċedura ta' offerti kompetittiva, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li temporanjament tagħti kuntratti ġodda direttament fejn **l-awtorità kompetenti tqis li l-għotja diretta hija ġustifikata minn** [...] ċirkostanzi eċċezzjonali [...]. Tali ċirkostanzi eċċezzjonali għandhom jinkludu sitwazzjonijiet fejn:

- il-kwalità u l-għadd ta' offerti huma meqjusa bħala insuffiċjenti biex jiggarrantixxu valur tajjeb għall-flus, jew

- **diġà jkun hemm numru ta' offerti kompetittivi qed jiġu amministrati mill-awtorità kompetenti u/jew awtoritajiet kompetenti oħra li jistgħu jaffettwaw l-għadd jew il-kwalità tal-offerti li x'aktarx jaslu jekk il-kuntratt jiġi offrut b'mod kompetittiv, jew**

- tibdil fl-ambitu ta' kuntratt ta' servizz pubbliku wieħed jew aktar huma meħtieġa sabiex il-forniment ta' servizzi pubbliċi tiġi ottimizzata.

L-awtorità kompetenti għandha toħroġ deċiżjoni sostanzjata u għandha tinforma lill-Kummissjoni b'dan mingħajr dewmien żejjed.

[...] Kuntratti **mogħtija skont dan il-paragrafu** m'għandhomx jaqbżu [7] snin.

Kuntratti mogħtija f'konformità ma' dan il-paragrafu għandhom jiġu ppubblikati, filwaqt li jittieħed kont tal-protezzjoni leġittima ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali u interessi kummerċjali."²²

²² Tista' tizzied premessa biex jiġu ċċarati l-każijiet li huma koperti minn din id-dispożizzjoni.

(0c) Jiżdied il-paragrafu 3b li ġej:

"3b. B'applikazzjoni tal-Artikolu 5(3), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li japplikaw il-proċedura li ġejja:

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippubblikaw l-intenzjonijiet tagħhom li jagħtu kuntratt pubbliku għal servizzi bil-ferrovija billi jippubblikaw avviż ta' informazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-avviż ta' informazzjoni għandu jkun fih deskrizzjoni dettaljata tas-servizzi li jkun s-suġġett tal-kuntratt li għandu jingħata kif ukoll it-tip u t-tul tal-kuntratt.

L-operaturi jistgħu jesprimu l-interess tagħhom fi żmien perijodu stabbilit mill-awtorità kompetenti li ma jistax ikun inqas minn 60 jum wara l-pubblikazzjoni tal-avviż ta' informazzjoni.

Jekk wara dan il-perijodu:

a) operatur wieħed biss ikun esprima l-interess tiegħu li jipparteċipa fil-proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku għal servizzi u

b) ikun debitament ta prova li ser ikun effettivament kapaċi jipprovdi s-servizz tat-trasport f'konformità mal-obbligi stabbiliti fil-kuntratt pubbliku għal servizzi, u

c) in-nuqqas ta' kompetizzjoni ma tkunx ir-riżultat ta' limitazzjoni artifiċjali fil-parametri tal-akkwist u

d) ma jkun hemm l-ebda alternattiva raġonevoli,

l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jibdwu in-negozjati ma' dak l-operatur sabiex jagħtu l-kuntratt mingħajr pubblikazzjoni ulterjuri ta' proċedura miftuħa għall-offerti."

(a) Il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Għajr fejn ikun projbit mil-liġi nazzjonali, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tagħti kuntratti pubbliċi għal servizzi direttament:

(a) fejn il-valur annwali medju tagħhom ikun stmat għal: inqas minn EUR 1 000 000 jew inqas minn EUR 7 500 000 fil-każ ta' kuntratt pubbliku għal servizzi li jinkludi servizzi tat-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri jew,

(b) fejn huma jikkonċernaw il-forniment annwali ta' inqas minn 300 000 kilometru ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri jew inqas minn 500 000 kilometru fil-każ ta' kuntratt pubbliku għal servizzi li jinkludi servizzi tat-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri.²³

Fil-każ ta' kuntratt ta' servizz pubbliku li jingħata direttament lil impriża żgħira jew ta' daqs medju li ma toperax aktar minn 23 vettura tat-triq, dawn il-limiti jistgħu jiżdiedu jew għal valur annwali medju stmat għal inqas minn EUR 2 000 000 jew għal forniment annwali ta' inqas minn 600 000 kilometru ta' servizzi tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri."

²³ Tista' tiġi inkluża premessa biex jiġi ċċarat li l-limitu massimu ogħla japplika għal servizzi tat-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri jew għal servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri fejn il-ferroviji jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-valur tas-servizzi inkwistjoni.

(aa) Jizzied il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. Għajr fejn ikun projbit mil-liġi nazzjonali, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tagħti kuntratti pubbliċi għal servizzi direttament għal trasport ferrovjarju pubbliku:

(a) (i) fejn hija tqis li l-ġhoti dirett ikun iġġustifikat mill-karatteristiċi ġeografiċi u strutturali rilevanti tas-suq u n-netwerk ikkonċernati, b'mod partikolari d-daqs, il-karatteristiċi tad-domanda, il-kumplessità tan-netwerk tagħhom, **L-iżolament tekniku u ġeografiku tagħhom** u s-servizzi koperti mill-kuntratt, u

(ii) fejn tali kuntratt jirriżulta f'titjib fil-kwalità tas-servizzi u/jew il-kosteffiċjenza meta mqabbel mal-kuntratt pubbliku għal servizzi mogħti preċedentement.

Abbażi ta' dan, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ deċiżjoni sostanzjata u għandha tinforma lill-Kummissjoni b'dan mingħajr dewmien żejjed.

L-Istati Membri fejn, mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-volum annwali massimu huwa inqas minn 23 miljun kilometru ferrovjarju u li jkollhom biss awtorità kompetenti waħda fil-livell nazzjonali u kuntratt pubbliku għal servizzi wieħed li jkopri n-netwerk kollu kemm hu għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-punt (i). Fejn daww l-Istati Membri jiddeċiedu li jagħtu kuntratt pubbliku għal servizzi direttament, dawn għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan. Ir-Renju Unit jista' jiddeċiedi li japplika dan is-subparagrafu lill-Irlanda ta' Fuq.

Fejn l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tagħti kuntratt pubbliku għal servizzi direttament, hija għandha tiddefinixxi rekwiżiti tal-prestazzjoni miżurabbli, trasparenti u verifikabbli. Tali rekwiżiti għandhom jiġu inklużi fil-kuntratt.

Ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni għandhom b'mod partikolari jkopru l-puntwalità tas-servizzi, il-frekwenza tal-operazzjonijiet ferrovjarji, il-kwalità ta' rolling stock u l-kapaċità ta' trasport għall-passiġġieri.

Il-kuntratt għandu jinkludi indikaturi speċifiċi ta' prestazzjoni li jippermettu valutazzjoni perjodika mill-awtorità kompetenti u għandu jispeċifika miżuri effettivi u ta' deterrent li għandhom ikunu imposti fil-każ li l-impriża ferrovjarja ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni.

L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta perjodikament u tippubblika jekk l-impriża ferrovjarja tkunx laħqet il-miri tagħha li tissodisfa r-rekwiżiti ta' prestazzjoni kif stipulati fil-kuntratt, jew le. Hija għandha tieħu miżuri adatti u f'waqthom, inkluż pieni kuntrattwali effettivi u ta' deterrent f'każ li ma jinkisibux it-titjib meħtieġ fil-kwalità tas-servizzi u/jew il-kosteffiċjenza. L-awtorità kompetenti tista' fi kwalunkwe ħin tissospendi jew tittermina kompletament jew parzjalment il-kuntratt mogħti taħt din id-dispożizzjoni f'każ li l-operatur jonqos milli jissodisfa r-rekwiżiti tal-prestazzjoni.

(b) fejn dawn jikkonċernaw biss l-operazzjoni ta' servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri minn operatur li jamministra simultanjament l-infrastruttura ferrovjarja kollha li fiha jiġu pprovduti s-servizzi jew parti prinċipali minnha, li hija eskluża mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7, 7a, 7b, 7c, 7d, 8, 13 u l-Kapitolu IV tad-Direttiva 2012/34/UE li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea f'konformità mal-Artikolu 2(3)(a) jew (b) tad-Direttiva 2012/34/UE.

B'deroga mill-Artikolu 4(3), kuntratti li jingħataw direttament skont dan il-paragrafu m'għandhomx jeċċedu 10 snin, ħlief fejn japplika l-Artikolu 4(4).

Kuntratti mogħtija skont dan il-paragrafu għandhom jiġu ppubblikati, b'kont meħud tal-protezzjoni leġittima ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali u interessi kummerċjali."

(ab) Il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5. F'każ ta' interruzzjoni fis-servizzi jew ir-riskju immedjat ta' tali sitwazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' tiegħu [...] miżuri ta' emerġenza. Din il-miżura ta' emerġenza għandha tiegħu l-forma ta' għotja diretta jew ftehim formali għall-estensjoni ta' kuntratt pubbliku għal servizzi jew rekwiżit biex jiġu provduti ċerti obbligi ta' servizz pubbliku. L-operatur ta' servizz pubbliku għandu jkollu d-dritt li jappella d-deċizzjoni li jiġi impost il-forniment ta' ċerti obbligi ta' servizz pubbliku. L-għoti jew l-estensjoni ta' kuntratt pubbliku għal servizzi b'miżura ta' emerġenza jew l-impożizzjoni ta' tali kuntratt m'għandhiex teċċedi sentejn."

(b) Jiżdied il-paragrafu 6a li ġej:

"6a. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li, sabiex iżidu l-kompetizzjoni bejn l-impriżi ferrovjarji, il-kuntratti għat-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri li jkopru partijiet mill-istess network jew pakkett ta' rotot għandhom jingħataw lil impriżi ferrovjarji differenti. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu, qabel ma jniedu proċedura tal-offerti, li jillimitaw l-għadd ta' kuntratti li għandhom jingħataw lill-istess impriża ferrovjarja."

5. Jiddaħħal l-Artikolu **5a[...]** li ġej:

"Artikolu **5a[...]**

Rolling stock ferrovjarju

Bil-ksieb ta' proċedura kompetittiva għall-għoti ta' kuntratti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk ikunx meħtieġa miżuri biex jiġi żgurat aċċess effettiv u mingħajr diskriminazzjoni għal rolling stock xieraq."²⁴

²⁴ Tista' tiġi inkluża premissa biex tispjega li l-fini ta' dik id-dispożizzjoni huwa li tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva fil-proċess ta' offerti.

6. Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-kumpens kollu marbut ma' regola ġenerali jew ma' kuntratt pubbliku għal servizzi għandu jikkonforma mal-Artikolu 4, irrispettivament minn kif ikun inġhata l-kuntratt. Kull kumpens, irrispettivament min-natura tiegħu, li jkun marbut ma' kuntratt pubbliku għal servizzi li ma jkunx inġhata skont l-Artikolu 5(1) jew (3) jew marbut ma' regola ġenerali, għandu jikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness."

7. L-Artikolu 7 jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull awtorità kompetenti għandha tagħmel pubbliku darba fis-sena rapport aggregat dwar l-obbligi ta' servizz pubbliku li għalihom hija responsabbli, id-data tal-bidu u t-tul ta' żmien tal-kuntratti pubbliċi għal servizzi, l-operaturi magħżula ta' servizz pubbliku u l-ħlasijiet ta' kumpens u d-drittijiet esklużivi mogħtija lill-operaturi ta' servizz pubbliku msemmija permezz ta' rimborż. Ir-rapport għandu jiddistingwi bejn trasport bix-xarabank u trasport ferrovjarju, għandu jippermetti l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni, il-kwalità u l-finanzjament tan-netwerk tat-trasport pubbliku, u fejn xieraq, għandu jipprovdi informazzjoni dwar in-natura u l-ambitu ta' kwalunkwe dritt esklużiv li jiġi mogħti. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-aċċess ċentrali għal dawn ir-rapporti, pereżempju permezz ta' portal komuni tal-internet."

(b) Fil-paragrafu 2, jiżdied il-punt li ġej:

"(d) id-data tal-bidu u t-tul ta' żmien previsti tal-kuntratt pubbliku għal servizz."

8. L-Artikolu 8 jiġi emendat kif ġej:

(a) L-ewwel sentenza tal-paragrafu 2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3,

- i) L-Artikolu 5 għandu japplika għall-ġhoti ta' kuntratti pubbliku għal servizzi għat-trasport tal-passiġġieri bit-triq u b'mezzi oħra fuq binarji minbarra l-ferrovija, bħall-metro jew il-linji tat-tramm mit-3 ta' Diċembru 2019.
- ii) L-Artikolu 5, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 4a, għandu japplika għal servizzi tat-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri mit-3 ta' Diċembru 2019.
- iii) L-Artikolu 5(4a) għandu japplika għal servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija minn 10 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- iv) L-Artikolu 5(6) u l-Artikolu 7(3) ma għandhomx jibqgħu japplikaw minn 10 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Kuntratti pubbliċi għal servizzi tat-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri li jingħataw direttament f'konformità mal-Artikolu 5(6) jistgħu jkomplu sad-data tal-iskadenza tagħhom."

(b) Għandu jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Kuntratti pubbliċi għal servizzi tat-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri mogħtija direttament abbażi ta' proċedura għajr proċedura kompetittiva ġusta sa mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sat-3 ta' Diċembru 2019, jistgħu jkomplu sad-data tal-iskadenza tagħhom. B'deroga mill-Artikolu 4(3), it-tul ta' żmien ta' dawn il-kuntratti m'għandux jeċċedi 10 snin, ħlief fejn japplika l-Artikolu 4(4)."

(c) Fil-paragrafu 3, l-ittra (d) tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(d) mis-26 ta' Lulju 2000 u qabel [id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] abbażi ta' proċedura għajr proċedura ta' offerti ġusta kompetittiva".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
